Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/18

10.1.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/18

tad-9 ta' Jannar 2025

li tirrikonoxxi skont l-Artikolu 31(2) u (4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li r-rapport fih data preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ, tal-qamħirrum, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u tal-lift fl-Ungerija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tirrikjedi li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi, u l-karburanti mill-bijomassa jiffrankaw emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-karburanti fossili sabiex ikunu jistgħu jingħaddu bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dan il-għan, l-Artikolu 29(10) jistabbilixxi limiti speċifiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-karburanti, u l-Artikolu 31 jirregola kif għandu jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri awtomatiċi stabbiliti fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri awtomatiċi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola, jistgħu jintużaw il-valuri tipiċi taħt ċerti kundizzjonijiet. Dawn il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala preċiżi.

(2) Fis-27 ta' Settembru 2024, l-Ungerija ppreżentat lill-Kummissjoni r-rapport finali bid-data sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ, tal-qamħirrum, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u tal-lift tipikament prodotti f'żoni fit-territorju tagħha kklassifikati bħala livell 2 fil-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. L-Ungerija talbet li dik id-data tiġi rikonoxxuta bħala preċiża f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li fih data preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ, tal-qamħirrum, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u tal-lift tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fl-Ungerija.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, il-Bijolikwidi u l-Karburanti mill-Bijomassa,

[1] ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.
[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport ippreżentat mill-Ungerija lill-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2024 huwa rikonoxxut skont l-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li fih data preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ, tal-qamħirrum, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u tal-lift tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fl-Ungerija. Is-sommarju tad-data tar-rapport huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Jekk id-data li tinsab fir-rapport, kif ippreżentata lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fis-27 ta' Settembru 2024, tinbidel b'xi mod li jista' jaffettwa l-preċiżjoni tad-data u konsegwentement il-bażi għal din id-Deċiżjoni, l-Ungerija għandha minnufih tinnotifika lill-Kummissjoni b'tali bidliet. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jivvalutaw il-bidliet innotifikati biex jiġi ddeterminat jekk ir-rapport ikunx għadu jipprovdi d-data preċiża li għaliha huwa rikonoxxut.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieqaf tapplika fit-30 ta' Jannar 2030.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-qamħirrum fl-Ungerija (kg CO_{2eq}/tunnellata ta' żerriegħa tal-qamħirrum maħsuda fuq il-bażi ta' materja niexfa)

NUTS2	Reġjun	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Użu tal-karburant	Żerriegħa	Tnixxif u ħżin	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni tal-aċidifikazzjoni tal-fertilizzanti	Pestiċida				
HU10	Közép-Magyarország	45,2	2,4	45,7	9,7	3,4	54,8	1,0	18,6	180,7
HU21	Közép-Dunántúl	49,7	2,3	54,5	11,9	3,1	49,1	1,0	29,2	200,9
HU22	Nyugat-Dunántúl	74,0	13,9	52,3	11,2	3,1	45,6	0,9	40,1	241,0
HU23	Dél-Dunántúl	61,9	5,7	64,1	13,5	3,9	45,1	0,9	38,4	233,5
HU31	Észak-Magyarország	41,5	3,5	34,7	7,1	4,9	57,4	0,7	7,0	156,8
HU32	Észak-Alföld	43,9	1,8	44,0	9,6	2,6	45,7	0,9	30,6	179,1
HU33	Dél-Alföld	44,1	1,9	45,5	9,7	3,2	49,5	1,0	15,7	170,6

Emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-kolza tax-xitwa fl-Ungerija (kg CO_{2eq}/tunnellata ta' żerriegħa tal-kolza tax-xitwa maħsuda fuq il-bażi ta' materja niexfa)

NUTS2	Reġjun	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Użu tal-karburant	Żerriegħa	Tnixxif u ħżin	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni tal-aċidifikazzjoni tal-fertilizzanti	Pestiċida				
HU10	Közép-Magyarország	129,2	8,4	187,3	38,5	14,2	132,4	0,9	0,2	511,1
HU21	Közép-Dunántúl	118,9	6,4	178,2	36,2	13,1	119,5	0,8	0,2	473,3
HU22	Nyugat-Dunántúl	180,2	32,2	152,7	31,5	13,5	95,2	0,7	0,2	506,1
HU23	Dél-Dunántúl	128,6	12,7	158,9	32,6	13,8	108,2	0,7	0,2	455,6
HU31	Észak-Magyarország	128,6	12,6	155,9	32,6	13,4	130,8	0,7	0,2	474,9
HU32	Észak-Alföld	98,3	5,0	135,5	28,3	7,6	141,0	0,7	0,2	416,7
HU33	Dél-Alföld	99,1	5,1	141,4	28,6	11,7	110,6	0,7	0,2	397,3

Emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol fl-Ungerija (kg CO_{2eq}/tunnellata ta' żerriegħa tal-ġirasol maħsuda fuq il-bażi ta' materja niexfa)

NUTS2	Reġjun	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Użu tal-karburant	Żerriegħa	Tnixxif u ħżin	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni tal-aċidifikazzjoni tal-fertilizzanti	Pestiċida				
HU10	Közép-Magyarország	65,8	3,7	73,9	15,1	8,8	121,7	1,2	9,1	299,3
HU21	Közép-Dunántúl	80,5	4,2	101,0	21,4	11,0	118,5	1,2	8,0	345,9
HU22	Nyugat-Dunántúl	134,4	24,8	108,3	22,3	11,7	98,3	1,2	9,2	410,2
HU23	Dél-Dunántúl	99,8	9,6	115,5	23,5	14,3	119,7	1,3	15,2	398,8
HU31	Észak-Magyarország	73,8	6,9	76,1	15,4	11,4	144,4	1,2	4,1	333,3
HU32	Észak-Alföld	65,1	3,0	72,3	15,5	7,6	119,9	1,2	7,4	292,0
HU33	Dél-Alföld	72,3	3,4	86,4	18,3	7,7	114,1	1,3	5,7	309,2

Emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa fl-Ungerija (kg CO_{2eq}/tunnellata ta' qamħ tax-xitwa maħsuda fuq il-bażi ta' materja niexfa)

NUTS2	Reġjun	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Użu tal-karburant	Żerriegħa	Tnixxif u ħżin	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni tal-aċidifikazzjoni tal-fertilizzanti	Pestiċida				
HU10	Közép-Magyarország	70,4	4,2	88,8	18,7	3,2	70,7	12,1	0,2	268,4
HU21	Közép-Dunántúl	70,3	3,5	94,0	19,5	4,8	67,1	11,1	0,2	270,6
HU22	Nyugat-Dunántúl	106,3	19,2	83,8	17,5	4,8	57,2	8,8	0,2	297,6
HU23	Dél-Dunántúl	70,1	6,6	75,8	15,8	5,4	58,3	9,7	0,2	241,9
HU31	Észak-Magyarország	67,6	6,3	71,5	15,0	4,6	72,5	9,1	0,2	246,8
HU32	Észak-Alföld	55,1	2,5	64,4	13,6	2,7	66,6	11,0	0,2	216,1
HU33	Dél-Alföld	62,6	3,0	78,0	16,6	2,9	62,5	10,0	0,2	235,7

Emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja fl-Ungerija (kg CO_{2eq}/tunnellata ta' fażola tas-sojja maħsuda fuq il-bażi ta' materja niexfa)

NUTS2	Reġjun	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Użu tal-karburant	Żerriegħa	Tnixxif u ħżin	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni tal-aċidifikazzjoni tal-fertilizzanti	Pestiċida				
HU10	Közép-Magyarország	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli
HU21	Közép-Dunántúl	98,5	3,7	104,4	20,7	11,0	161,1	0,0	0,2	399,6
HU22	Nyugat-Dunántúl	128,2	23,6	84,8	16,4	10,3	127,7	0,0	0,2	391,2
HU23	Dél-Dunántúl	103,4	8,7	91,6	18,2	16,0	130,6	0,0	0,2	368,8
HU31	Észak-Magyarország	82,8	6,5	69,5	11,8	19,0	169,1	0,0	0,2	358,8
HU32	Észak-Alföld	74,2	2,0	50,7	11,3	12,2	95,8	0,0	0,2	246,4
HU33	Dél-Alföld	86,6	3,0	87,2	16,1	9,3	139,9	0,0	0,2	342,3